**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 03**

**Data:** **22 ta' Awwissu 2024**

**Hin:** **10.00am**

**Post:** **Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Dr. Lisa Marie Brooke* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| | |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

03.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

03.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

03.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

03.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

03.5 Korrispondenza u Rapporti;

03.6 Jum l-Gharb;

03.7 Offerti u Kwotazzjoni;

03.8 Sub-Post Office;

03.9 Attivitajiet;

03.10 Materji ohra;

03.11 Skeda ta' Pagamenti;

03.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**03.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

03.1.1 Il-Vici Sindku talab li jigi skuzat peress li kien indispost. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi skuzat.

**03.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

03.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**03.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

03.3.1 Is-Sindku qal li qed jinhass il-bzonn li l-vetturi b'mod partikolari fiz-zmien tas-sajf ikunu b'xi mod identifikanti minhabba l-problemi li qed niltaqghu maghhom meta jkun hemm bzonn li ticcaqlaq xi vettura ghal xi raguni jew ohra bhal meta per ezempju jkunu jridu jghaddu trakkijiet u dawn il-vetturi jkunu ta' ostaklu. Huwa qal li dan qed jigri b'mod partikolari b'vetturi li jkunu qeghdin fil-lokalita' ghal xi vaganza f'postijiet tal-kiri. Ghaldaqstant huwa ssugerixxa li tinghata barcode lis-sidien ta' dawn il-postijiet sabiex min ikunu qed jikri ghandu jpoggi din il-barcode fejn f'kaz ta' bzonn ikun hemm indikazzjoni cara ta' fejn jinstab sid il-vettura. Sabiex isir dan trid isir bye-law min-naha tal-Kunsill biex b'hekk is-sidien ikunu obligati bil-ligi li jaderixxu ma' din ir-regola u jekk le jigi mmultati. Tkompliet id-diskussjoni fuq din il-materja fejn Tonio Mifsud issugerixxa li tinghata anke il-possibilita' li wiehed japplika ghal barcode minn fuq l-App tal-Kunsill. Meta tkompliet id-diskussjoni gie innotat li jkun idejali li din tinghata lir-residenti kollha u anke lil vizitaturi kollha. Il-Kunsill qabel li ghandha tigi proposta din il-bye-law, tigi inkluza fl-App u li tinkludi lil kulhadd.

03.3.2 Is-Sindku qal li kien hemm talba sabiex issir bankina fi Triq il-Knisja kantuniera ma' Sqaq il-Fgura sabiex in-nies li jkunu ghaddejjin bil-mixi juzaw lilha u jkollhom protezzjoni mit-traffiku li jikun ghaddej. Sabiex isir dan sid il-post li jinsab f'din iz-zona irid jaccetta li titranga l-bankina min-naha ta' gewwa tal-propjeta' tieghu. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandu jinstab is-sid u jsir dak mehtieg biex issir tali bankina.

**03.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

03.4.1 Gew trattati s-segwenti mistoqsijiet minghand Joseph Mizzi:

Jekk hux possibbli illi titwahhal xibka fil-bokka taz-zewg 'xelters' li hemm faccata tac-cimiterju, fi Triq Santu Pietru. B'rakkomandazzjoni tal-ghaqda Nadur Nadif li

kienu gew ghamlu clean-up fl-area u qed jissuggerixxu li titwahhal 'xibka' sabiex ma jintremiex skart gewwa u anke ma jidholx hmieg li jist'a jingarr meta taghmel ix-xita u jinzel mat-triq 'l isfel.

Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandhom jehlu xbiki biex jaghlqu minhabba periklu.

Nixtieq insemmi punt iehor bhal ma jsir kull sena, infakkar sabiex jitnaddfu l-culverts fejn jinzel l-ilma halli ma jkunx hemm hmieg u haxix fihom li jzomm l-ilma u punt iehor sabiex jinqata' l-haxix minn passaggi fil-kampanja, peress li issa jkun nixef u z-zkuk ikunu ta' periklu ghal min imur jimxi jew ghaddej mill-moghdijiet fir-rabà ghax ikunu jniggżu

Il-Kunsill qabel li ghandhu jsir it-tindif mehtieg.

**03.5 Korrispondenza u Rapporti**

03.5.1 Giet trattata korrispondenza minghand residenti fi Triq Trux fejn saret talba ghal installazzjoni ta' Road Humps. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li l-ewwel pass li ghandu jittiehed huwa li jigu installati tabelli ta' speed limit kif kien gie diskuss fil-kunsill precedenti.

03.5.2 Giet trattata talba ghal Road Hump fi Triq Mongur fejn il-kumpless ta' Sbejha. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u qabel li ghandha ssir survery mar-residenti koncernati u ssir it-talba mehtiega.

03.5.3 Is-Sindku spejga li fit-Triq l-Gharb qed isir uzu tal-ispeed gun u huwa ssugerixxa li ssir talba mill-Kunsill biex jigu installati tabelli. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

03.5.4 Giet trattata talba ghal yellow lines fi Sqaq il-Fgura fejn il-kantuniera. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandha ssir talba biex isiru dawn is-sinjali.

03.5.5 Giet trattata korrispondenza minghand l-Arcipriet Trevor Sultana fir-rigward ta' hajt fic-Cimiterju. Saret diskussjoni dwar din il-materja fejn il-Kunsill qabel li ghandu jintalab il-Perit jivverifika x'xogholijiet u spejjez huma mehtiega.

03.5.6 Gew trattati s-segwenti applikazzjoni ghall-permess ta' zvilupp min-naha tal-Awtorita' tal-Ippjanar:

PA/05178/24, RG/00297/24, PA/04825/24 u PA/05005/24.

03.5.7 Is-Sindku ssugerixxa sabiex isir attivita' sportiva minflok il-Clean Up mat-tfal, adoloxxenti u zghazagh tal-lokalita'. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandu jigi avvicinat Radu sabiex jorganiza din l-attivita'.

**03.6 Jum l-Gharb**

03.6.1 Is-Sindku ssugerixxa sabiex l-attivita' ta' Jum l-Gharb tinkludi fiha kantata, tqassim tal-premijiet u wara jsir riceviment waqt daqq minn band fil-Pjazza.

03.6.2 Gew moqrija in-nominazzjonijiet ta' Premju Gharb fejn wara l-Kunsill ghadda ghall-ghazla:

Premju Volontarjat Lokali – Il-Kunsill qabel li ghandu jinghata lil Maxine Debrincat

Premju Gieh l-Gharb – Il-Kunsill qabel li ghandu jinghata lil Assocazzjoni Maltija EspressjonArti Gharb.

Premju Personal Achievement – Il-Kunsill qabel li ghandu jinghata lil Elena Curmi

Premju Gharb Gozitan Cultural Award – Il-Kunsill qabel li ghandu jinghata lil Charles Daniel Saliba.

Premju Qlub Generuzi – Il-Kunsill qabel li ghandu jinghata lill-Grupp tal-Guatamala.

Premju Sportiv tas-Sena – Waqt il-votazzjoni s-Sindku talab li jigi skuzat peress li kellu interess familjari f'din in-nominazzjoni u ghalhekk hareg mill-kamra. Tkompliet id-diskussjoni fejn l-Kunsill qabel li ghandu jinghata lil Matthew Galea. Is-Sindku rega ssejjah lura fil-kamra.

Premju Artigjanat Lokali - Waqt il-votazzjoni Joseph Mizzi talab li jigi skuzat peress li kellu interess familjari f'din in-nominazzjoni u ghalhekk hareg mill-kamra. Tkompliet id-diskussjoni fejn l-Kunsill qabel li ghandu jinghata lil Nancy Mizzi. Joseph Mizzi rega ssejjah lura fil-kamra.

## 03.7 Offerti u Kwotazzjoni

03.7.1 Is-Sindku qal li hemm bzonn li jinhargu offerti ghal diversi servizzi jew progetti fil-lokalita'. Huwa ssugerixxa li jinhargu dawn segwenti:

1. Tender ghal-*lift* – Supply & Installation at ARB Complex, Tumas Cassar Street, Gharb.
2. Tender ghall-*fence* tal-grawnd – Supply & Installation of fence at Gharb Football. Ground, Tumas Cassar Street, Gharb.
3. Tender ghall-Stationery u Printing.
4. Tender ghal xoghol plumbing u electrician.
5. Tender Maintenance and Supply of IT Services.
6. Tender ghal AC and Ventilation – Supply & Installation of Ventilation System at ARB Complex, Tumas Cassar Street, Gharb.

Il-Kunsill qabel li ghandhom jinhargu dawn l-offerti.

## 03.8 Sub-Post Office

03.8.1 Is-Sindku qal li fil-prezent il-Kunsill qieghed f'diskussjonijiet mall-Maltapost sabiex jinghata servizz ahjar u b'aktar granet. Huwa qal li l-Maltapost diga kellha persuna li jista' jipprovdi dan is-servizz li bhala hlas jithallas mill-Kunsill. Huwa qal li tajjeb li jinfetah ta' kuljum mit-Tnejn sas-Sibt apparti l-Erbgha. Huwa qal li tajjeb li jkomplu jigu provduti s-servizzi kollha inkluz dawn tal-bank u b'zieda ta' ohrajn maghhom. Huwa qal li bhala impjegat dan ser jithallas b'€8 is-siegha. It-training tal-persuna inghata mill-Maltapost. Is-Sindku spjega ukoll li din il-persuna tista' tigi inkluza ukoll fl-NGO li ssemiet fl-ahhar laqgha tal-Kunsill u jista' jkun il-kaz li skond il-bzonn din il-persuna taghti hours ohra extra lill-Kunsill. Huwa qal li bhala problema hemm minhabba tas-sick pero din ghad trid tigi dikussa mall-Maltapost. Is-Sindku iddiskjara li ghandu relazzjoni familjari mall-persuna li giet proposta min-naha tal-Maltapost u ghalhekk hareg mill-kamra sabiex il-Kunsill ikompli bid-diskussjoni. Tonio Mifsud kompla jippresiedi. Il-Kunsill gie infurmat li l-persuna proposta kienet Caroline Dimech. Il-Kunsill qabel unanimament li din ghandha tinhatar sabiex tmexxi l-ufficju tas-Sub post office. Is-Sindku ssejjah lura fil-kamra u kompla jippresiedi. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandhom jitkomplew id-diskussjonijiet mall-Maltapost kif proposti biex jista' jibda' l-operat tas-Sub Post office.

**03.9 Attivitajiet**

03.9.1 Is-Sindku qal li l-attivitajiet li l-attivitajiet relatati mall-Kite Festival diga inbeda l-pubblicita' taghhom min-naha tal-Ministeru ghal Ghawdex kif ukoll min-naha tal-Kunsill.

03.9.2 Is-Sindku qal li l-festival tal-Puppets ser isir bil-kollaborazzjoni tal-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni. Huwa qal li ser jingabu tlett puppets kbar minn Franza u spjega x'tip ta' puppets ser ikunu. Huwa ppropona sabiex parti mill-program jinkludi *entertainment*, u *work shops* ghat-tfal fejn dawn jistghu jsiru gewwa c-Centru bi qbil mall-parrocca. Id-dati ta' dan il-festival huma 28 u 29 ta' Settembru. Huwa qal ukoll li 28 ta' Settembru hemm ukoll il-Pop in the City fejn il-Kunsill qed jikkollabora mall-Ministeru ghal Ghawdex. Is-Sindku qal li l-attivita' ser tinkludi *Kite Work Shops,* Preparamenti tal-Gbejniet, Preparamenti tal-lidna tal-festa u Stained Glass. Huwa qal li dan ser ikun qed isir bejn id-9am u 5pm u dritt wara jibda' il-Puppets festival fis-7pm. Fil-gurnata tal-Hadd ser issir ukoll sfilata bil-puppets. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni u qabel mall-program propost.

03.9.3 Attivitajiet ohra li ser jigu organizzati fix-xhur li gejjin huma l-opra, Herbs Festival u Make Music Great. Bhala herbs festival is-Sindku issugerixxa li din is-sena jintuza t-tagen il-kbir u jkun hawn chef lokali li jsajjar gewwa fih. Lisa Marie Brooke issugerit li ssir xi haga relatata ukoll ma' herbs ta' Frenc ta' l-Gharb filwaqt li Tonio Mifsud qal li residenta mill-Gharb kienet ippublikat ktejjeb fuq il-herbs. Is-Sindku qal li kienet diga saret talba ghal dan il-ktejjeb pero' l-persuna kienet irrifjutat. Il-Kunsill kompla jiddiskuti u qabel li tajjeb li jigu anke ppublikat ricetti bhal ma' huma ghall-influenza u dan jista' jsir fuq tip ta' bookmark. Is-Sindku qal ukoll li gewwa l-lokalita' kien hemm zewg Taljani li kienu lesti jghinu

fil-Herbs Festival. Tonio Mifsud issguerixxa li jigu mistiedna Kunsilli ohra biex jippartecipaw pero' gie innotat li dan kien festival zghir u relatat mall-herbs. Huwa ssugerixxa ukoll lil group min-Nadur sabiex ibieghu xi prodotti. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li l-programm ghandu jerga' jigi diskuss waqt laqgha ohra.

03.9.4 Make Music Great ser isir is-Sibt. Is-Sindku spjega li dawn it-tlett attivitajiet ghandhom budget ta' €10,000 peress li din is-sena dan gie restreet u ghalhekk l-attivita' trid issir izghar. Ghaldaqstant is-Sindku ppropona li f'din il-gurnata jsir kuncert. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

03.9.5 Attivita' ohra tal-ahhar tas-sena tkun il-programm Milied fil-Pjazza. Tonio Mifsud issugerixxa li tingab it-terramaxka. Is-Sindku spejga li dan il-program ikun qed isir bejn 13 ta' Dicembru sal-ahhar tas-sena. Joseph Mizzi ssugerixxa li jsir zipline fil-Pjazza. Is-Sindku ppropona li terga ssir il-Christmas Tree Choir bhas-sena l-ohra. Tkompliet id-diskussjoni fejn gie deciz li t-Terramaxka tista' tingab f'gurnata minnhom u jkun hemm serata folk ukoll. Tonio Mifsud issugerixxa li jsiru anke pony rides. Gie propost li jsiru stalls sabiex jigu attratti aktar persuni. Il-Kunsill qabel li jkompli jesplora kif ser isir il-program u jerga' jigi diskuss.

**03.10 Materji ohra**

03.10.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li x-xogholijiet fi Triq ta' Abdilla tal-konkos qed jitkomplew biex ikunu lesti ghall-kite Festival.

03.10.2 Fir-rigward ta' Triq Tumas Cassar, is-Sindku qal li kienu waslu LAs u ix-xoghol kien ser jinbeda.

03.10.3 Fir-rigward tas-sistema tal-Panelli is-Sindku qal li qed isiru diskussjonijiet mar-REWS biex isiru fuq Grid differenti. F'din l-istess zona hemm il-kumpless tal-pixxina li huwa lest pero' ghad baqa' aktar xogholijiet x'jigi finalizzati.

**03.11 Skeda ta' Pagamenti**

03.11.1 L-iskeda tal-pagamenti giet approvata mill-Kunsill.

**03.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

03.12.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta 24 ta' Settembru fid-9.00am.

03.12.2 Il-laqgha spiccat fil-11.39am.

Konfermati minn:

David Apap
Sindku

Emily Amatulli Depasquale
Segretarju Ezekuttiv